MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1044/2006

**Erminia Vassallo (ID 86634M) u b' digriet tas-6 ta' Mejju 2014 l-atti gew trasfuzi f' isem Steffan Vassallo (KI 86809L), Adriana Camilleri Vassallo (KI 180407M) u Alexia Perotti (KI 20772M), Helene Zammit (ID 15756M), Marina Hogg (ID 47559M), Mark Miceli Farrugia (ID 589650M), Alberto Miceli (ID 260863M), Francesca Warr (ID 449764M), f'isimha proprju u bhala mandatarja specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Giovanna Stagno D'Alcontras (ID Passaport Numru 883106U), u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2009 l-atti gew trasfuzi f' isem Alberto, Michaela, Marcantonio, Francesco, Alessandro u Maria Fernanda ahwa Stagno D'Alcontres**

**flok Giovanna Stagno D' Alcontres; u tal-assenti Oratio Bonanno, Francsca Bonanno u Marco Bonanno;**

**Louis A. Farrugia f'ismu proprju u ghan-nom tal-assenti Joanne Farrugia (ID 594747M) u Marisa O'Cock (ID 64349 M)**

**Dominic Borg (ID 286278M) f'ismu proprju u ghan-nom ta' hutu assenti Kristina Borg (ID 286278M) u Benjamin Borg (ID 500186M)**

**vs**

**Lilian Claire Miceli (Passaport Ingliz 704647253)**

**Il-Qorti,**

## **I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Erminia Vassallo et. datat 21 ta' Novembru 2006 fejn Francesca Warr bil-gurament taghha ikkonfermat : -

Illi l-istanti huma lkoll werrieta tal-mejta Mary Farrugia li mietet fit-28 ta' Marzu 1975 u l-eredita` taghha ghadha ma gietx diviza jew likwidata;

Illi fost il-beni appartenenti din l-eredita` kien hemm diversi assi u oggetti mobili li kienu fil-pussess ta' Luca Luigi Miceli, li miet fit-3 ta' Settembru 2005;

Illi dan l-ahhar u *ad insaputa* tal-istanti, irrizulta illi l-konvenuta, armla mill-imsemmi Luca Luigi Miceli, bdiet tiddisponi jew tipprova tiddisponi minn dawn il-mobbli minghajr il-kunsens taghhom. Jirrizulta infatti illi saret donazzjoni ta' pittura maghrufa bhala *The Judgement of Solomon* a favur ta' Heritage Malta, ipprovat tbiegh zewg pitturi ohra maghrufin rispettivament bhala *A Mother and Children with a Maid u The Three Graces tramite* irkantatur pubbliku, liema bejgh ma sarx wara li nhareg u gie ezegwit

Mandat ta' Deskrizzjoni;

Illi barra minn dan hemm ghamara u hwejjeg mobili ohrajn fl-appartament numru 1241, Portomaso, San Giljan u/jew l-appartament numru sbatax (17), Caledonia Towers, Qui-si-Sana, Sliema, li jifformaw parti mill-imsemmija eredita` ta' Mary Farrugia u li l-istanti ghandhom interess li jippreservaw;

Illi l-konvenuta interpellata sabiex tipprovdi inventarju b'dawn l-assi baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet kollha premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja, dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi hija ghandha fil-pussess taghha diversi assi u hwejjeg mobbli li jappartjenu lill-eredita` tal-mejta Mary Farrugia li mietet fit-28 ta' Marzu 1975, fosthom iz-zewg pitturi indikata maghrufa bhala *A Mother and Children with a Maid u The Three Graces, oltre* oggetti u assi mobbli ohrajn li ghandha fil-pussess taghha l-konvenuta u liema assi ghandhom jigu identifikati wara li taghti inventarju ghal dan il-ghan;

2. Tinibiha milli b'kwalsiasi mod tiddisponi minn dawn l-assi u hwejjeg mobbli hekk identifikati *a tenur* tal-ewwel talba.

3. Tahtar amministratur sabiex jiehu f'idejh l-assi u beni kollha appartenenti lill-eredita` ta' Mary Farrugia u li jinsabu fil-pussess tal-konvenuta *oltre* z-zewg pitturi indikati li prezentement jinsabu fil-pussess tal-irkantatur pubbliku Joseph Sammut in segwitu tal-ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Deskrizzjoni numru 1640/06 mahrug fis-7 ta' Novembru 2006.

4. Tordna lill-konvenuta sabiex f'zmien qasir u perentorju stabbilit ghal dan il-ghan, tikkonsenja dawn il-pitturi hawn fuq indikati u dawk l-oggetti mobili li jirrizultaw fil-pussess taghha u appartenenti lill-eredita` tal-mejta Mary Farrugia lill-Amministratur nominat *a tenur* tat-tielet talba;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta biex tidher in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta’ Marzu 2007.

Rat ir-risposta ta’ Lilian Claire Miceli datata 9 ta’ Novembru 2007 (fol 48) fejn esponiet bil-ġurament tagħha :

1. Illi *in linea* preliminari:

a. Ir-rikorrenti kellhom jitolbu illi l-intimata esponenti tigi notifikata b'traduzzjoni bl-Ingliz tar-rikors taghhom *a tenur* tal-Kap 189 Artikolu 5 tal-Ligijiet ta' Malta stanti illi – kif jafu ben tajjeb l-istess rikorrenti -l-intimata mhijiex cittadina Maltija u la taqra u lanqas tikteb bil-lingwa Maltija ghaliex hija imwielda Dublin l-Irlanda u ghandha passaport Ingliz li jgib in-numru fuq indikat;

b. L-azzjoni odjerna hija preskritta kontra r-rikorrenti *a tenur* tal-artikolu 845 (l) tal-Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta "bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni tal-imsemmija Mary Farrugia li mietet fit-28 ta' Marzu 1975 (kif jirrizulta mir-rikors innifsu) billi la huma u wisq anqas l-awturi taghhom ma stitwew ebda procedura gudizzjarja fit-terminu msemmi -ara wkoll art. 2107 (2) tal-Kap sittax (16);

c. L-azzjoni odjerna hija wkoll preskritta bil-passagg ta' tletin sena mill-ftuh tal-imsemmija successjoni u dana *a tenur* tal-artikolu 2143 tal-Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Uhud mir-rikorrenti assenti minn dawn il-Gzejjer lanqas biss ma jafu bil-proceduri odjerni u l-prokuri allegatament ezistenti ghalihom zgur ma kienux jezistu fid-data tal-prezentata tar-rikors u fil-fatt lanqas ma giet annessa prokura wahda ma' l-atti tar-rikors odjern;

e. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll ghal kollox nulli u kontra kull principju legali stanti illi r-rikorrenti qeghdin jippruvaw jikkrejaw regoli ta' procedura godda billi fl-ewwel talba taghhom jippruvaw jinvertu l-oneru tal-provi ghal fuq l-intimata minflok ma jaghmlu l-prova rikjesta huma, u dana kontra kull regola proceduraIi u specjalment kontra l-artikolu 562 tal-Kap tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.

2 Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghal fuq imsemmi, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti ghaliex:

a Il-proceduri odjerni saru semplicement b'impika u bhala tpattija kontra l-intimata u sabiex jippruvaw ibezzghuha bhala frustiera gewwa pajjizna minhabba l-fatt illi zewgha Luca Luigi *sive* Gino Miceli li miet fit-3 ta' Settembru 2005 -hlief ghal xi legati lil uhud minnhom -fit-testment sigriet tieghu tad-9 ta' April 2005 miftuh u ppublikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani fl-10 ta' Jannar 2006 -Dok ‘LM 1’ – kien innomina b'eredi universali tieghu fil-kwota ta' kwart (1/4) indiviz lil martu l-intimata u fil-kwota tar-rimanenti tliet kwarti (3/4) indivizi lill-Orfanatrofju ta' Sant' Antnin ta' Messina. Billi, ghalhekk ir-rikorrenti ma setghux jimpunjaw l-imsemmi testment validament maghmul mill-istess Gino Miceli, huma istitwew il-proceduri odjerni kontra l-armla tieghu liema proceduri huma ghal kollox vessatorji u r-rikorrenti ghandhom jigu kkundannati jhallsu wkoll l-ispejjez dopji minhabba din il-vessatorjeta'.

b. F'kull kaz, ghalhekk -u wkoll minghajr pregudizzju – l-proceduri kontra l-intimata ma jistghu qatt ikunu integri stanti illi l-beneficcjarju principali tal-wirt ta' Gino Miceli huwa l-imsemmi Orfanatrofju ta' Sant' Antnin;

c. L-intimata kienet ilha habiba ntima ta' Gino Miceli ghal perjodu ta' hmistax-il sena qabel il-mewt tieghu u fis-26 ta' Dicembru 2003 huma kienu zzewgu pero' sfortunatament, kif diga' inghad, huwa miet fit-3 ta' Settembru 2005. Matul dan il-perjodu ta' hmistax-il sena, la zewgha Gino Miceli u wisq anqas ir-rikonenti -jew xi whud minnhom -qatt ma qalulha -jew ir-rikorrenti qalu lil zewgha fil-prezenza taghha -illi xi whud mill-oggetti mobili ezistenti fir-residenza tieghu ma kienux ta' proprjeta' unika tal-istess Gino Miceli. Min-naha l-ohra, Gino Miceli kien gieli qalilha illi diversi oggetti mobili ta' valur li kienu ta' proprjeta' unika tieghu u li kienu mizmuma ghalih f’xi kmamar fil-'Brewery' ta' Farsons l-Imriehel kienu ittiehdu minn xi membri tal-familja tieghu u 'ad insaputa' tieghu u, fil-fatt, minhabba dan, kien baqa’ miggieled ma’ Lilian Miceli (ohra) -omm uhud mir-rikorrenti odjerni -ghal perjodu ta' ghaxar snin. Ghal kull *buon fini*, l-intimata tirriserva kull dritt ta' azzjoni illi hija jista’ jkollha kontra whud mir-rikorrenti u ohrajn f’dan ir-rigward;

d. Jezisti kontrosens fir-rikors odjern stanti illi, filwaqt illi l-kopja tad-denunzja ta' Mary Farrugia -Dok A mar-rikors -tindika t-trapass tal-eredita' taghha "by virtue of law", fl-istess nifs qieghed jigi esebit testment tal-istess Mary Farrugia fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tat-13 ta' Mejju 1959 li fit-tielet artikolu tieghu saret in-nomina tal-eredi;

e. Fl-ahhar imsemmi testment, Mary Farrugia ma istitwiet l-ebda uzufrutt ta' oggetti mobili -la a favur ta' Gino Miceli u lanqas a favur haddiehor -u zgur li r-rikorrenti u/jew l-awturi taghhom koeredi ma’ Gino Miceli ta' dakinhar -mhumiex/ma kienux it-tip illi jhallulu (il Gino Miceli) il-wirt tal-oggetti mobili taghha f’idejh u dana ghal perijodu ta' aktar minn tletin sena! Zgur ukoll illi -kieku dan kellu jkun il-kaz – ir-rikorrenti u/jew l-awturi taghhom ma kienux ser jaghmlu bicca bhal din minghajr ma jsir dokument legali (fin-nuqqas tal-uzufrutt imsemmi) b'inventarju dettaljat anness mieghu. Certament huma (ir-rikonenti/awturi taghhom) qatt ma kienu neqsin mill-kapacitajiet mentali u mill-kwantita' ta' Konsulenti ta' kull xorta -inkluzi ta’ dawk legali -sabiex jaghmlu dan;

f. Jirrizulta ben car mill-kontenut tar-rikors in kwistjoni illi l-gurament mehud mir-rikorrenti Francesca Warr gie mehud b'mod legger u informali ghaliex -*oltre* ghal vessatorjeta' u l-animu fuq imsemmi -jidher illi r-rikonenti marru "on a fishing spree" u jridu jaghmlu l-provi taghhom permezz tal-intimata -ara talba (1);

g. L-intimata la ghandha u qatt ma kellha oggetti mobili appartenenti lir-rikorrenti u ghalhekk zgur qatt ma ddisponiet minn proprjeta' mobili taghhom;

h. Salv argumenti u sottomissjonijiet ulterjuri li l-intimata tirriserva li ggib fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 6 ta’ Mejju 2009 a fol 73 tal-process fejn talbu illi inkwantu jirrigwardaw l-interess ta’ Giovanna Stagno D’ Alctontres f’ din il-kawza, l-atti jigu trasfuzi f’ isem uliedha Alberto, Michaela, Marcantonio, Franceso u Maria Fernanda lkoll ahwa Stagno D’

Alcontres; u l-Qorti kif diversament presjeduta bid-digriet taghha moghti fis-6 ta’ Mejju 2009 laqghet it-talba.

Rat ir-rikors ta’ Steffan Vassallo, Adriana Camilleri Vassallo u Alexia Perotti datat 28 ta’ April a fol 203 tal-process fejn l-esponenti bhala l-eredi tal-mejta Erminia Vassallo talbu lill-Qorti joghgobha tordna li l-gudizzju tal-kawza fl-ismijiet premessi jigi trasfuzi f’ isem it-tliet esponenti u dan taht kull provvediment opportun fic-cirkostanzi tal-kaz; u l-Qorti kif hekk illum presjeduta laqghet it-talba u ordnat t-trasfuzzjoni fil-gudizzju tal-attrici f’ isem ir-rikorrenti odjerni u l-korrezzjoni tal-atti kull fejn ikun mehtieg; u dan kif jidher bid-digriet moghti fis-6 ta’ Mejju 2014.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi datata 15 ta’ Settembru 2014 a fol 216 tal-process.

Rat in-nota responsiva ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta datata 28 ta’ Ottubru 2014 a fol 221 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak ta’ l-ahhar seduta mizmuma fil-11 ta’ Novembru 2014 quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Louis Cassar Pullicino ghall-atturi u Dr. Francis Lanfranco ghall-konvenuta u nfurmaw lill-Qorti li ser jistriehu fuq in-noti rispettivi taghhom u talbu li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Frar 2015.

Rat id-Digriet taghha tas-26 ta' Frar 2015 (fol 227) fejn issospendiet il-prolazzjoi tas-sentenza sabiex id-difensuri tal-partijiet jidderigu ruhhom

jekk ghandhiex tghaddi ghas-sentenza fuq it-talbiet kollha ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu 2015 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u qablu li s-sentenza tindirizza t-talbiet kollha (fol 230).

Hadet konjizzjoni tal-provi  kollha prodotti.

Rat in-noti esebiti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi lkoll werrieta tal-mejta Mary Farrugia, li mietet fit-28 ta' Marzu 1975 agixxew biex l-assi mobbli tal-eredita tad-decujus Mary Farrugia li jinsabu fil-pussess fiziku tal-konvenuta jigu preservati peress li l-intimata, kienet, fil-fehma tar-rikorrenti, qed tiddisponi minn dawn l-oggetti unilateralment, minghajr il-kunsens taghhom u ghalhekk b'mod abbuziv.

Il-konvenuta ssollevat diversi eccezzjonijiet preliminari u sostantivi. L-ewwel eccezzjoni giet irtirata formalment u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni izjed taghha. Hi eccepiet ukoll l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 845(1) tal-Kap.16, u tal-artikolu 2107(2) tal-Kap 16., oltre l-preskrizzjoni trentennali skont l-artikolu 2143 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta oltre eccezzjonijiet ohra li kollha ser jigu trattati iktar 'il quddiem.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Mary Farrugia mietet fit-28 ta' Marzu 1975[1] u skont it-testment taghha tat-13 ta' Mejju 1959[2] iddisponiet :

*"li t-tfal tal-mejta ohtha Erminia mart il-mejjet Marc' Antonio Miceli u t-tfal tal-mejjet huha l-Arkitett u Inginier Civili Lewis Farrugia ikollhom interess ugwali anke fl-azienda ghall-fabbrikazzjoni tal-acidu karboniku likwidu ...tad-Ditta "L. Farrugia & Sons" kif fil-fatt huma ghandhom fir-rami l-ohra kollha ta' l-imsemmija Ditta, ghalhekk l-imsemmija testatrici thalli b'titolu ta' legat lill-imsemmija tfal tal-mejta ohtha Erminia Miceli.*

*Salv il-legat fuq ordnat it-testatrici Sinjorina Mary Farrugia tinnomina u tistitwixxi eredi universali taghha u proprietarji assoluti f'nofs indiviz tal-gid taghha ta' kull xorta u natura lit-tfal tal-imsemmija mejta ohtha Erminia Miceli cioe' Antonio, Franca Bonanno, Giovanna Stagno D'Alcontres u Luca-Luigi, ahwa Miceli, f'porzjonijiet indaqs bejniethom bis-sostituzzjoni ta' dawn bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom u fin-nofs indiviz l-iehor tal-gid taghha ta' kull xorta u natura lit-tfal ta' l-imsemmi mejjet huha l-Arkitett u Inginier Civili Lewis Farrugia u cioe' Marisa, Johanna, Lewis u Angela ahwa Farrugia, f'partijiet ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tal-ulied u ulterjuri dixxendenti u in mankanza ta' dawn bid-dritt tal-akkrexximent skont il-Ligi ."*

[1] **Dok A** ezebit a fol. 4 tal-process.

[2] **Dok C** ezebit a fol. 35 u 88 tal-process.

Luca-Luigi maghruf bhala Gino Miceli, ir-ragel premorjent tal-konvenuta, kien jghix mat-testatrici sakemm mietet billi kien guvni u sussegwentement baqa' jabita fir-residenza taghha u jgawdi l-oggetti kollha hemm sitwati. Hu miet improle fit-3 ta' Settembru 2005 f'Tullamore, Repubblika Irlandiza, u skont testment sigriet li sar fid-9 ta' April 2005 ppublikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani fl-10 ta' Jannar 2006[3] ddispona fl-**Artikolu 5** (*Article Five*) illi:

*"I bequeath unto my wife Lilian Claire Miceli,....the apartment internally numbered seventeen (17) situated on the seventh floor (7th) floor level together with the garage space both forming part of an unnumbered block named Caledonia Towers, Qui-Si-Sana Place, Sliema, Malta together with all the furniture, fittings and paintings therein contained, together with all the furniture, fittings and paintings presently situated at apartment forty one (41), Block twelve (12), Portomaso, Saint Julians, Malta."*

Waqt li fis-**sitt Artikolu** (*Article Six*) hemm indikat is-segwenti:

*"I nominate and appoint as my universal heirs of all my property in general, movable and immovable, corporeal and incorporeal, present and future, as to one fourth (1/4) undivided share unto my wife Lilian Claire Miceli....and as to the remaining three fourths (3/4) undivided shares unto the "Saint Anthony's Orphanage" situated at Via Santa Cecilia, Messina, Italy."*

**<u>Xhieda Rilevanti:</u>**

[3] **Dok LM1** ezebit a fol. 52 tal-process)

**<u>Lilian Claire Miceli</u>** xehdet permezz ta’ affidavit (fol. 62 tal-process). Qalet li fis-26 ta’ Dicembru 2003, izzewget lil Luca Luigi (Gino) Miceli wara li kienu ilhom flimkien ghal hmistax-il sena. Tul ir-relazzjoni li kellha ma’ Gino hi ghexet mieghu f’diversi residenzi f’Malta, fiz-Zejtun, Qui-si Sana u fl-ahhar Portomaso, San Giljan. Ir-residenzi kienu mzejna b’oggetti li kienu jappartjenu lir-ragel taghha u dawn kienu jingarru maghhom kull darba li jbiddlu d-dar. Ir-ragel taghha qatt ma qal li l-oggetti jew uhud minnhom ma kienux jappertjenu lilu biss.

Sostniet li l-ebda membru tal-familja tieghu qatt ma wrew xi pretensjoni fir-rigward xi artiklu fid-dar taghhom, b’mod direttament jew indirettament. Diversi membri tal-familja tar-ragel taghha marru ghandhom u ghexu maghhom u qatt ma semmew il-fatt li kellhom xi dritt fuq kwalunkwe oggett fid-dar taghhom.

Oht Gino, Giovanna Stagno D’Alcontres, f’zewg okkazzjonijiet, waqt li kienet qed toqghod ghandhom ghal-ftit granet fl-appartament gewwa Qui-si-Sana, u fil-prezenza taghha stess, staqsiet lil huha sabiex ihalli diversi mobbli lilha u lil bintha. Ghaliha stess xtaqet sala tal-pranzu *Regency* u zewg *card-tables,* waqt li ghat-tifla xtaqet li jhallilha l-pittura *“The Judgement of Solomon.”*

In-neputija tar-ragel u cioe’ Maria Fernanda, sussegwentement kitbitilha u ghal darb’ohra staqsietha ghal din il-pittura. Maria kienet ukoll qaltilha li fil-gurnata tat-tieg taghha, Gino kien baghtilha diversi bicciet ta’ ghamara bil-vapur.

Spjegat li r-ragel taghha kien mizzewweg qabel, lil certa Joan Elizabeth Gittings nee` Mallia, u dan qabel ma kienet saret tafu. F'dan iz-zmien kellu appartament Londra u qalilha li kien baghat mobbli u pitturi minn Malta sabiex izzejjen dan l-appartament. Xi zmien wara kien xtara appartament gewwa Knightsbridge, f'Londra flimkien man-neputija tieghu Michaela Marullo, liema post kien ukoll bl-ghamara (*furnished*). Sussegwentement, l-appartament inbiegh u waqt li biegh xi affarijiet Londra stess, kien staqsa lil Ivor Zammit, li kien ir-ragel tan-neputija tieghu, Helene, biex jibghat ir-rimanenti ghamara Malta bil-vapur, liema ghamara qatt ma waslet u r-ragel kien iggieled ma' Ivor Zammit .

Qalet li r-ragel taghha kellu xi jghid ukoll mal-mara ta' huh Lilian Miceli Farrugia u ma kellimhix ghal diversi snin. Gino diversi drabi kien qalilha u lil hbieb tieghu li dan kien peress li kienet haditlu diversi ghamara li kien wiret u dan mill-mahzen ta' Farsons gewwa l-Imriehel, minghajr ma kien jaf u minghajr ma taha l-kunsens tieghu biex tehodhom. Dawn l-oggetti qatt ma gew lura ghandu.

Matul dawn is-snin kollha qatt ma rat gojjelli fil-pussess ta' zewgha. L-unika gojjelli fid-dar taghhom kienet dik personali u moderna taghha. Ir-ragel taghha kellu arlogg ta' l-idejn li kien taz-ziju tieghu Gigi u hi tat il-kelma taghha (*tramite* Bryan Gera) li tghaddi dan l-arlogg lit-tifel ta' Gigi, li jigi Louis Farrugia.

Lejn l-ahhar ta' hajtu, r-ragel taghha kien ma jiflahx hafna u kellu bzonn medicina li kienet tiswa hafna flus. Saru neqsin mill-flus. Wara diversi rikjesti li saru lill-familja tieghu, *tramite* avukati ecc, sabiex jaghtuh iktar flus, ir-ragel taghha spicca jbiegh parti mill-mobbli tieghu. Il-familja kienet giet maghrufa dwar dan il-fatt, kif wiehed jista' jara mill-ittra **Dok A** (fol. 64).

Dak li ma bieghx ir-ragel taghha, hija kompliet tbiegh wara l-mewt tieghu, fil-kapacita' taghha bhala l-*legatee* ta' dawn l-oggetti – sabiex jithallas id-dejn u sabiex tghix. Il-pittura maghrufa bhala *"The Judgement of Solomon"* ma nghatatx in-neputija tar-ragel Maria Fernanda, izda giet moghtija l-muzew tal-Palazz ta' l-Inkwizitur gewwa Vittoriosa, bhala tifkira ta' zewgha u skont ix-xewqa tieghu stess. Din il-pittura ma kienetx intirtet mir-ragel taghha, izda kienet inxtrat minnu minn Ruma, kif jafu sewwa l-familjari tieghu.

**<u>Ivor Zammit</u>** mizzewweg lil Helene Miceli Farrugia, xehed permezz ta' affidavit (fol. 69 tal-process). Qal li Gino kien talbu sabiex jaghtih pariri u jirrapprezentah f'diversi kwistjonijiet, kemm personali kif ukoll tan-negozju, kemm lokali kif ukoll fl-Ingilterra u dan mis-sena 1995 sas-sena 2000.

F'dan iz-zmien, Claire O'Kelly allegatament kienet il-mahbuba ta' Gino. Wara li zzewgitu fis-sena 2003, sahhtu marret lura u kuntatt mal-membri tal-familja tieghu ma kienx permess. Ic-*chauffeur* tieghu, li kien ilu mieghu ghal iktar minn ghoxrin sena tkecca, kif gara lill-konsulenti legali tieghu Hon. J.J. Mifsud Bonnici u Dr. Victor Ragonesi, kif ukoll in-Nutar Francis Micallef. Is-seftura, li kienet ilha mieghu ghal diversi snin tkecciet ukoll u kien izolat minn shabu kollha.

Claire harget lil Gino mill-appartament tieghu ghal wiehed gdid gewwa Portomaso, u fi zmien ghoxrin xahar minn meta zzewweg kien mejjet. Granet qabel ma miet il-mara tieghu haditu l-Irlanda u poggietu f'dar ta' l-anzjani fejn miet f'Settembru 2005, wahdu, minghajr hadd mill-familja tieghu madwaru.

Qal li ma kienx veru li l-ghamara qatt ma waslet Malta u li r-ragel taghha ggieled mieghu, kif qalet Lilian Claire Miceli fl-affidavit taghha. Il-verita' kienet li l-ghamara waslet Malta f'Dicembru 1999 u kienu accettati u ffirmati minn Gino Miceli stess u ghadhom fil-mahzen sal-gurnata tallum. Ir-relazzjoni tieghu ma' Gino kienet wahda ta' rispett bhala membru tal-familja u kien jiehu hsiebu.

Gino kien staqsih biex izomm l-oggetti tieghu fil-mahzen, peress li Claire ma riditx li jkollha oggetti li kienu jappartjenu lil mara precedenti tieghu fl-istess dar taghhom. Kien qal lil Gino li kellu jhallas Lm85 fix-xahar biex izomm dawn l-oggetti gewwa garaxx f' B'Kara. Gino kien qabel li jsir hekk, izda kien insista li ma jinghad xejn lil Claire, sabiex jevita problemi maghha.

Sussegwentement, xehed in **kontro-ezami** quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2010 (fol. 154). Qal li kien jamministra hwejjeg Gino Miceli bejn is-snin 1995 u 2000 izda, meta dahlet mart Gino fix-xena, ma kienet riedet lil hadd jindahal u ghalhekk hu kien waqaf jamministra.

**<u>Lilian armla ta' Chev. Anthony Miceli Farrugia</u>** xehdet permezz ta' affidavit  a fol. 86 tal-process).  Spjegat li r-ragel taghha (llum mejjet) jigi hu l-mejjet Luca Luigi sive Gino Miceli. Mary Farrugia kienet iz-zija ta' zewgha u ta' Gino. Mary mietet xebba fit-28 ta' Marzu 1975 u kienet tghix 180, Triq it-Torri tas-Sliema, proprjeta' tad-ditta *L. Farrugia & Sons Ltd*.,  Gino Miceli, li baqa' guvni, kien ighix maghha sad-data tal-mewt taghha.

Tiftakar sew li kemm zewgha, kif ukoll membri ohra tal-familja tieghu kienu regolarment izuru lil Mary Farrugia. Peress li omm ir-ragel taghha mietet zghira, kienet Mary li rabbiet it-tfal ta' ohtha.

Fit-testment taghha Mary Farrugia halliet bhala werrieta tal-gid taghha lin-neputijiet kollha taghha. Wara li mietet Mary, Gino baqa' jghix f'Triq it-Torri, tas-Sliema u taf li l-werrieta, inkluz zewgha, qablu li Gino jista' jgawdi matul hajtu, l-mobbli, pitturi *ecc*., li kienu jinsabu fid-dar f'tas-Sliema fid-data tal-mewt taz-zija taghhom Mary. Kien miftiehem ukoll li dawn il-mobbli kellhom jinqasmu wara l-mewt ta' Gino Miceli.

F'xi nofs it-tmeninijiet, Gino halla d-dar 180, Triq it-Torri tas-Sliema u mar joqghod gewwa Marsascala, peress li d-ditta *L. Farrugia & Sons* riedu jizviluppaw il-proprjeta' taghhom. Gino ttrasferixxa l-kontenut tal-*furnishings* li kienu Triq it-Torri, fosthom il-wirt ta' Mary Farrugia ghal gor-residenza gewwa Marsascala.

Ghal habta ta' nofs id-disghinijiet Gino Miceli biegh il-villa ta' Marsascala u xtara flat *Qui-si-Sana* u rega' ttrasferixxa l-mobbli *ecc.,*

Ftit wara li Claire Kelly zewgitu fit-2003, Gino xtara post gewwa Portomaso f'isem martu u ghal darb'ohra ttrasferixxa l-mobbli ecc ghal dan l-appartament.

Ghal habta ta' Novembru 2006, hi marret irkant ta' Joseph Sammut tal-*Belgravia Auction Gallery.* Indunat li fost l-affarijiet kien hemm zewg pitturi ghall-bejgh *A Mother and children with a Maid* u *The Three Graces,* li kienu pitturi li tiftakar bic-car li kienu jappartjenu lil Mary

Farrugia u kienu fid-dar taghha f'Tas-Sliema. Esebit kopja tad-denunzja ta' Mary Farrugia.

Saret taf ukoll li pittura ohra maghrufa bhala *King Solomon* inghatat bhala donazzjoni minn Claire Miceli lil Heritage Malta.

Hi regghet xehdet quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-seduta ta' l-14 ta' Frar 2011 (fol. 160). Hi cahdet li kienet ghamlet xi zmien ma titkellimx ma' Gino Miceli. Dwar jekk Mary Farrugia hallietx uzufrutt qalet *"m'inix zgura dwar dan.* Xehdet ukoll li *"Kienu mobbli taz-zija Mary pero' kuntratti bejnietna ma kienx hemm. Il-familja Farrugia, Louie Farrugia u l-ohrajn ghamlu xi kuntratti ma' Gino."*

**<u>Francesca Warr</u>** xehdet permezz ta' affidavit (fol. 146). Qalet li z-zewg pitturi *A Mother and children with a Maid* kif ukoll *The Three Graces* gew identifikati minn ommha u mir-ragel t'ohtha Ivor Zammit, waqt li kienu esposti f'irkant f'San Giljan.

Wara li hadu parir legali minn Dr. Louis Cassar Pullicino, partikolarment li kellu jinhareg Mandat ta' Deskrizzjoni segwit b'kawza, hi avvicinat lill-membri tal-familja li kellhom interess f'dawn il-proceduri, sabiex tottjeni l-awtorizazzjoni taghhom sabiex jipprocedu malajr kemm jista' jkun.

**<u>Joseph Sammut</u>,** *Public Auctioner,* xehed quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2009 (fol. 150).

Ikkonferma li zamm irkant bejn is-7 u d-9 ta’ Dicembru 2006. Ikkonferma ukoll li fl-irkant in kwistjoni kien hemm zewg kwadri maghrufin bhala *The Three Graces* u *Mother and Children with a Maid*.

Qal li l-kwadri gew konsenjati lilu separatament, *The Three Graces* minn Mrs. Miceli u *Mother and Children* minn Mrs. Rita Muscat. Dan tal-ahhar kien rah f'dar ta' l-Ibragg. Dawn ma nbieghux u ghadhom ghandu sallum, peress li kien hemm Mandat ta’ Deskrizzjoni u kellu jottempera ruhu mieghu.

**Maria Fernanda Stagno D’Alcontres** xehdet bil-lingwa Taljana quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dott. Yvette Cassar fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2013 (fol. 200). Hija qalet li hija t-tifla tal-mejta Giovanna Stagno D’Alcontres u n-neputija ta’ Gino Miceli Farrugia. Spjegat li kellha relazzjoni tajba hafna ma’ Gino. Gino kien baghtilha gradenza Maltija u anke posati tal-fidda, meta zzewget, li kienu jinsabu fid-dar tieghu.

Hi kkonfermat li ommha talbet ghall-pittura *The Judgement of Solomon* f’isimha, kif ukoll ghas-salib *"di tartaruga."* Ommha kienet ukoll staqsiet ghal ghamara *Regency* li kienu fil-kamra ta’ l-ikel u anke ghal zewg *card-tables*, li kollha kienu jinsabu fid-dar taz-ziju Gino.

Ezebit ittra li tinsab a fol. 197 tal-process. Ikkonfermat li kitbet din l-ittra hi stess fuq talba ta’ ommha. Ommha qaltilha li kienet se tispjega wara lil hutha ghaliex ghamlet din it-talba, ghaliex hi kellha tiehu il-krucifiss u l-pittura. Izda, hi qatt ma rceviet la l-pittura ta’ *Solomon* u lanqas il-krucifiss. Irceviet biss is-senduq u l-posati tal-fidda mid-dar ta’ Gino, meta baghthomlha hu stess fil-gurnata tat-tieg taghha.

Hija qalet li taf li z-ziju Gino kien ta xi rigali ukoll lil hutha, imma ma tafx ezattament liema kienu, u ma tafx lanqas jekk kienu ghamara jew oggetti, peress li z-ziju Gino kien jiddisponi minn hwejgu kif u meta ried.

Iz-ziju Gino kien jghix maz-zija Mary Farrugia li mietet hafna snin ilu u d-dar baqghet bl-ghamara u l-oggetti kollha kif kienet meta kienet ghadha hajja z-zija. Iz-ziju Gino ma kienx mizzewweg u ma tafx li xi hadd iehor kien ghamel talba ghal xi oggetti li kienu jinsab fid-dar tieghu. Iktar tard f'hajtu z-ziju Gino zzewweg darbtejn. Anke f'dak iz-zmien, hadd ma ressaq xi pretensjoni fuq xi haga. Ommha minn dejjem ssuggeriet liz-ziju Gino li jhalli l-oggetti tad-dar fil-familja.

Meta miet z-ziju Gino u kienu c-cimiterju hi u ommha tkellmu ma' Claire, il-mara tieghu, u qaltlilha li se taghtiha l-krucifiss u staqsietha wkoll ghall indirizz taghha sabiex taghtiha l-pittura.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt marbutin mat-Talbiet Attrici u mal-eccezzjonijiet tal-konvenuta.</u>**

L-ewwel punt li ghandu jigi trattat minn din il-Qorti hija l-identifikazzjoni tan-natura tal-kawza odjerna. Jekk bl-azzjoni odjerna l-atturi qed jesperixxu *petitio hereditatis* u allura tapplika l-preskrizzjoni specjali stipulata bl-artikolu **845 tal-Kodici Civili** ta' Malta eccepit mill-konvenuta. Jekk dan l-artikolu ma japplikax, din il-Qorti xorta ghandha tinvesti ruhha bl-ezami tat-tielet eccezzjoni -dik tal preskrizzjoni estintiva trentennali skont l**-artikolu 2143 tal-Kap.16** .

**L-Artikolu 845 tal-Kap. 16 jistipula li:**

*"(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni".*

Waqt li **l-Artiklu 2143 tal-Kap. 16** jispecifika li *"l-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi".*

Dawn ser jigu trattati separatament.

**Art.845 -Preskrizzjoni Akkwizittiva**

Dwar l-artikolu **845,** il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Edith Galea et vs Joseph Degiorgio et** (Cit. Nru. 1758/01FS) deciza fit-18 ta' Mejju, 2005 kienet irreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, fejn inghad illi:

*"Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "petitio hereditatis" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva......*

Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsegwentement, dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "*di diritto".* Il-pussess ta' l-uzurpatur irid ikun ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll *"animo domini".* Dan il-pussess ghandu jigi ppruvat b' mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.

Fil-kawza **Galea vs Degiorgio** l-Qorti kienet qalet:

*"Difatti l-pussess bhala fatt, mhux sufficjenti biex johloq id-dritt tal-proprjeta`, izda jrid ikun tali, fi kliem* ***Laurent*** *'che annunzi coi suoi caratteri che il possessore intende essere il-proprietario, e che agisce* come tale'". (Diritto Civile Vol XXXII para. 274).

*Del resto*, kif jinnota **Baudry Lacantinerie**, *"tutte le condizioni enumerate nell' articolo 2229 tendono a denunciare al vero proprietario l'*

*usurpazione che e stata commessa, ed a metterlo in grado di respingerla".* (Prescrizione para. 238).

Il-karattri fuq migjuba tal-pussess legittimu huma kwindi, kif jikkonkludi **Laurent**, *"una garanzia per la proprieta` contro l' usurpazione"*.

F’dan is-sens hi l-interpretazzjoni li baqghet tinghata mill-gurisprudenza matul is-snin. Per ezempju fil-kawza **Borg et v Zammit** (Appell Civili 28/3/1995 Kollez. Vol XXXIX.i.139), iz-zmien mahsub fl-**Artikolu 845** gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta’ dekadenza, u ghandu minn zmien ta’ preskrizzjoni akkwizittiva.[4]

Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi Artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin ikun zamm f' idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja.

---

[4]Ara ad ezempju fil-kawza **Elena Bonello vs Carmela Bruno Olivier et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Ottubru 1975 gie osservat: *“Il-Qorti ta’ l-Appell bis-sentenza taghha tat-8 ta’ Ottubru 1924 fil-kawza “Mallia Tabone vs Mallia Tabone et”, qalet li dak l-artikolu tal-ligi jistabilixxi preskrizzjoni sui generis u mhux dekadenza, li dik il-preskrizzjoni ija akkwizittiva…..”*. F’sentenza fl-ismijiet **Luigi Pace Balzan ed altri vs Giovanni Pace Balzan ed altri** deciza mill-Prim’Awla fil-5 ta’ Ottubru 1886 (Vol. XI.162)6 dwar dan il-provvediment jinghad li *“Che la prescrizione allegata in questo caso ha per iscopo lo acquisto di proprieta’ di beni immobili e delle quote in questione, mediante l’allegato possesso per un decennio”*
(ara wkoll **Giuseppe Ellul et vs Antonia Fenech et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Jannar 1957; **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-29 ta’ Jannar 1948; **Saverio Ellul Bonnici vs Wisq Nobbli Markiz Paolo Apap Bologna et noe** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Mejju 19579; **Pietru Grixti vs Caterina Mallia et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 10 fl-4 ta’ Ottubru 1995;**Albert Camilleri vs John Camilleri et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 11 fil-5 ta’ Ottubru 1995; **Rev. Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 12 fl-14 ta’ Ottubru 2004). Fil-kawza **John Mallia nomine vs Elizabeth Mallia et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-16 ta’ Jannar 1996, gie kkonfermat li l-Artikolu 845 jispecifika terminu ta’ preskrizzjoni u jista’ jkun hemm *“…sospensjoni jew interruzzjoni tal-istess perjodu kontemplata f’parti ohra tal-ligi civili taghna”*

Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dak l-Artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni ta' l-ghaxar snin tal-*petitio hereditatis* li dwarha jitkellem l-Artikolu taht ezami.

Fil-kawza **Josephine Borg et vs Joseph Bianco** deciza fis-27 ta' Gunju 2008 mill-Qorti ta' l-Appell rega' kkonferma l-principji fuq ribaditi u kompla "*Dan l-Artikolu (**845)** gie spjegat fis-sens li barra mill-element taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat anke l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun il-pussess formali, jigifieri li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali u mhux bizzejjed il-pussess di diritto (**Camilleri v. Camilleri**, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 2000).*"

Illi huwa stabbilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-**Artikolu 845 tal-Kodici Civili** (bhalma huwa mehtieg f'kull kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva taht l-**Artikolu 2140** tal-istess Kodici) irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt (x'aktarx, izda mhux bilfors, taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih tal-haga mitluba daqs li kieku kienet tieghu *(animo domini)* ghaz-zmien kollu preskrittiv. (P.A. 19.5.1957 fil-kawza fl-ismijiet **Ellul Bonici vs Apap Bologna et noe** (Kollez. Vol: XLI.ii.1022).

Illi l-prova ta' dan il-pussess bhala wiehed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akkwizittiva, tinkombi lil min jinvoka l-istess preskrizzjoni. Huwa mehtieg li tingab prova fir-rigward ta' l-elementi necessarji rigwardanti l-pussess.

Fil-kawza fl-ismijiet **Albert Camilleri vs John Camilleri et** (PA JSP - 5 ta' Ottubru 1995) gie imfisser hekk: *"Pussess li jrid jigi pruvat minn min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex huwa jrid jipprova mhux biss li l-azzjoni giet perenta bil-perkors taz-zmien imma wkoll illi hu bil-pussess tieghu li jrid ikollu l-elementi kollha biex jikkwalifikah bhala pussess 'uti dominus' fil-fatt akkwista l-proprjeta' tramite l-istess preskrizzjoni. Preskrizzjoni decennali li tirrikjedi wkoll bhala element kostituttiv taghha l-buona fede".*

Dwar l-element tal-*buona fede* fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Briffa vs Scicluna** (App. Civ. 29.1.1954-Kollez. Vol: XXXVIII.i.21) gie ribadit li jehtieg jintwera wkoll li, ghal tul dak iz-zmien kollu, min ikun zamm f'idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt ikun ghamel hekk *b'bona fidi*. Imbaghad, minhabba li l-*bona fidi* hija prezunta, min jallega l-*mala fidi* jrid jipprova allegazzjoni bhal dik. (Art. 532 tal-Kap 16).

**<u>In-Natura tal-Azzjoni</u>**

Rigward **in-natura tal-azzjoni "***Huwa importanti wkoll li wiehed irid jaghraf bejn azzjoni ghas-sehem fil-wirt [Petitio hereditatis] u azzjoni*

*dwar gid li kien jaghmel minn wirt. Illi huwa minnu li mhux kull azzjoni li tirrigwarda gid li gej minn wirt taqa' taht iz-zmien preskrittiv tal-__**Artikolu 845**__."* (*vide* kawza fl-ismijiet **Josephine Borg et vs Joseph Bianco** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2003).

Skont id-definizzjoni tal-azzjoni ta' petizzjoni ereditarja moghtija mill-awtur **Baudry Lacantineri**[5] *"L'azione accordata all'erede contro i possessori dell'eredita' e dei beni ereditarii e' la petizioni d'eredita. Essa contiene insieme la pretesa al riconoscimento della qualita' di eredita, e, come accessorio, la dichiarazione di proprieta dei beni ereditari."* Din l-azzjoni ghandha bhala *causa petendi* l-accertament tal-kwalita' ta' eredi tal-attur u bhala *petitum* ir-restituzzjoni tal-beni ereditari. F'dan is-sens l-eredi li jagixxi *in petitio* jaspira ghar-rikonoxximent tat-titlu tieghu ta' eredi u mhux semplicement it-titolarita' fuq xi beni partikolari dan.[6] Isegwi li "*La petizione di eredita' anche quando viene intentata contro chi ritenga un singolo oggetto ereditario, tende essenzialmente a dar dichiarare che chi la intenta e' erede e ad ottenere che gli venga dato il possesso o dell'eredita' u di una parte della medesima kon ogni accessorio e pertinenza.....Quando pero' non si contesta a chi intenta l'azione la qualita' di erede e l'azione tenda a far avere all'istante una parte dell'asse ereditario rimasta indivisa, nessun'altra prescrizione sarebbe applicabile fuori quella stabilita dall'art 1907 di detta Ordinanza "(*Ordinanza VII, 1968 - preskrizzjoni trentennali". **Cremona**, *Giurisprudenza sul Codice Civile Vol.II p 587).*

---

[5] Delle Successioni Vol. I para 699.

[6] Skont gurisprudenza awtorevoli moghtija mill-Corte di Cassazione fl-Italja jirrizulta s-segwenti: " secondo l'orientamento consolidato la petitio hereditatis si differenzia dalla rei vindicatio, malgrado l'affinità del petitum, in quanto si fonda sull'allegazione dello stato di erede ed ha per oggetto beni riguardanti elementi costitutivi dell'universum ius o di una parte di esso; ne consegue, quanto all'onere probatorio, che mentre l'attore in rei vindicatio deve dimostrare la proprietà dei beni attraverso una serie di regolari passaggi durante tutto il periodo di tempo necessario all'usucapione, nella petitio hereditatis può invece limitarsi a provare la propria qualità di erede ed il fatto che i beni, al tempo dell'apertura della successione, fossero compresi nell'asse ereditario( **Corte di Cassazione, sentenza 2-8-2001 n. 10557**; **Corte di Cassazione, sentenza 22-7-2004 n. 13785**; **Corte di Cassazione, sentenza 16-1-2009 n. 1074**) .

Mill-ghamla tat-talbiet attrici ma jirrizultax li huma qed jitolbu l-konferma tal-kwalita' taghhom bhala eredi imma qed jadixxu lil din il-Qorti sabiex tordna lill-konvenuta tirritorna l-oggetti mizmuma minn zewgha *qua* uzufruttwarju, u li tghaddi ghall-atti konservattivi ta' oggetti formanti parti mill-wirt tad-decujus permezz tan-nomina ta' amministratur u ta' inibizzjoni ta' atti ulterjuri ta' disposizzjoni tal-oggetti formanti parti mill-wirt da parti tal-konvenuta. Essenzjalment it-talba odjerna hija preordinata ghall-eventwali divizjoni bejn l-eredi, li Gino Miceli u s-successuri tieghu huma wkoll fosthom. Ghaldaqstant l-preskrizzjoni prevista mill-artikolu 845 tal-Kap.16 mhix applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi inoltre, l-Qorti hija tal-fehma li anke jekk wiehed kellu jaccetta li l-azzjoni odjerna hija fin-natura taghha *petitio hereditatis (*li mhix ghar-ragunijiet gja spjegati), l-konvenuta xorta ma rnexxietx tissoddisfa l-kweziti rikjesti ghall-preskrizzjoni akkwizittiva, senjatament il-pussess *uti dominus*, *in bona fede*, ta' zewgha. L-onere ta' din il-prova jinkombi fuqha izda baqghat mankanti.

Hija semplici kongettura da parti tal-konvenuta meta tghid li zewgha kien qed jippossjedi separatament *uti dominus* minn meta mietet zijtu. Ma hemm xejn li jissufragja dan l-argument. Ad ezempju, ghalkemm zewgha ta xi rigal tat-tieg lin-neputija tieghu, minn imkien ma jirrizulta li kien qed jiddisponi ulterjorment minn dawn l-oggetti ghajr, skont il-konvenuta, meta fl-ahhar ta' hajtu sab ruhu fil-bzonn. Izda f'dak il-mument, hass il-htiega li javza lill-ko-eredi li kien ser jghaddi biex jiddisponi minn hwejjighom -haga li certament ma kienx jaghmel jekk haseb li l-beni saru ta' dominju tieghu.

Fix-xhieda taghha Maria Fernanda Stagno D'Alcontres tafferma li rceviet zewg bicciet ghamara miz-ziju *(cassettone maltese u posate d'argento*) bhala rigal tat-tieg[7]. Qalet izda li "zio Gino disponeva dei suoi oggetti come e quando pareva." Din hija stqarrija gratuwita u ma giet sostanzjata b'ebda prova ulterjuri ghajr is-suggeriment li ommha riedet lill-Gino Miceli jirregalalha l-pittura tal-Giudizio di Solomone u kurcifiss, izda dawn qatt ma wasslulha. Fl-istess hin, izda, hi xehdet ukoll li "*Lo zio Gino viveva con la sua zia Mary Farrugia che era morta tanti anni fa e la casa era rimasta mobiliata con tutti gli oggetti come era quando c'era anche la zia Mary."*

**Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.**

**It-Tielet Eccezzjoni -Artikolu 2143 tal-Kap.16**

L-istess ma jistax jinghad ghall-applikabbilita' tal-artikolu 2143 ghall-kaz in ezami. L-eccezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni mhix preordinata fuq il-prova tal-*buona fede* u anke il-pussessur *in mala fede* jista' jqajjem din l-eccezzjoni b'success.

Skont l-**artikolu 2137** tal-Kap.16 "*Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

[7] Affidavit a fol.200 tal-process.

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament (“**Scicluna vs Tracey**”: Qorti tal-Appell : 22 ta` Gunju 1900 [Vol.XVII.I.151] ; u “**Caruana vs Runza**” – PA -7 ta` Mejju, 1999).

L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione -Cap XII, para 364 pag 279) jaffermaw illi –

*“Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere*.”

Fil-kaz “***Albert Mizzi noe vs Anthony u Victoria mizzewgin Cauchi”*** *(PA 31.5.2007)* il-Qorti rriteniet li "*l-principju ta’ preskrizzjoni u l-applikabbilta` tieghu huwa mibni fuq “inerzia del titolare del diritto soggettiva”* **Manuale di Diritto Privato – Andrea Torrente Piero Schlesinger –** para 86) u illi ghalhekk "*il-preskrizzjoni kellha u ghandha tibda tiddekorri mid-data ta’ l-allegata inadempjenza*."

Illi fis-sentenza **“Mario Testa vs Alfred Theuma”** (A.I.C. (PS) – 12 ta’ Mejju 2003) inghad li:-

*“Kif jinsab ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet* ***“Diego Attard et noe vs Angelo Fenech”,*** *Appell Kummercjali, 15 ta’ Frar 1965, ‘l-impossibbilta’ li wiehed jagixxi trid tkun impossibbilta’ ndipendenti mill-volonta’ tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nfisha, mhix impediment ta’ din ix-xorta.*

*Fl-istess sens vide id-decizjoni fl-ismijiet* ***"Paolo Koludovich vs Carmelo Muscat",*** *Appell Kummercjali, 1 ta' Gunju 1959, u* ***"Joseph Chircop et vs Salvatore Muscat noe",*** *Appell, 28 ta' April 2000".*

Illi, hu x'inhu l-ghan tal-preskrizzjoni invokata jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet ghaddejja, u l-eccezzjoni ghandha tigi michuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-process dik id-data ma tkunx tista' tigi stabbilita.

Illi dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jghallmu li:

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere..."*[8]*.* Izjed 'il quddiem izidu jghidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale"*[9] (**John Grech v Ivan Mifsud et –** PA JRM - 1 April 2003).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, ikkonsidrat li l-kawza odjerna giet istitwita fil-21 ta' Novembru 2006 filwaqt li Mary Farrugia mietet fit-28 ta' Marzu 1975. Madanakollu l-atturi jsostnu li kwalunkwe dritt tal-azzjoni dedotta f'dan il-gudizzju twieled wara l-mewt ta' Gino Miceli meta gew a konoxxenza tal-fatt li l-armla tieghu bdiet tiddisponi mill-oggetti tal-wirt.

---

8 cfr. *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279).

9 Op. cit. (Par 393bis, pag 306)

L-atturi jakkampaw fuq l-allegat ftehim fejn Gino Miceli thalla fit-tgawdija sa mewtu tal-oggetti mobbli in mertu u jissottomettu li d-dritt tal-azzjoni taghhom twieldet wara l-mewt ta' Gino Miceli. Il-konvenuta, da parti taghha, ssostni li l-ezistenza ta' tali ftehim mhux biss mhuwiex ippruvat imma huwa kontradett mill-provi prodotti senjatament dikjarazzjoni maghmula minn Lilian Miceli Farrugia *viva voce,* mix-xhieda ta' Maria Fernanda Stagno d'Alcontres, u mix-xhieda tal-konvenuta stess. Tghid ukoll li mhuwiex verosimili li l-atturi hallew lil zewgha fil-pussess tal-oggetti minghajr ma rredigew inventarju tal-mobbli. (Ara l-eccezzjoni taghha f'paragrafu 2(e)).

Izda l-Qorti ma tikondividix it-tezi tal-konvenuta. Huwa ammess li Gino Miceli baqa' jabita fid-dar ta' Mary Farrugia wara mewtha, u dan bil-kompjacenza tal-atturi. Dan juri li kien hemm relazzjonijiet partikolari ta' rispett reciproku bejn il-ko-eredi li jaghti aktar verosimiljanza lill-verzjoni attrici milli lill-konvenuta.

Il-Qorti tissenjala li l-konvenuta imkien ma kkontestat li l-oggetti li huma elenkati fl-inventarju annessa mad-dikarazzjoni tas-successjoni ta' Mary Farrugia ma ghaddewx fil-pussess ta' zewgha u li ma baqghux fil-pussess ta' zewgha. L-unika kontestazzjoni tirrigwarda l-gojjelli fejn tghid "*Throughout all these years I never saw any jewellery in my husband's possession."* Izda mkien ma tghid li dak elenkat fl-inventarju ma instabx fil-pussess taghha.

Jirrizulta pacifiku li l-oggetti mobbli li jinsabu fl-appartament tad-decujus Mary Farrugia sakemm mietet kienu taghha. Jirrizulta wkoll mit-testment stess, li hi ma iddisponietx mill-oggetti mobbli taghha separatament u

lanqas hu ssuggerit mill-kontendenti li t-testatrici tat xi oggett waqt hajjitha lin-neputi taghha Gino Miceli. Ghalhekk bhala kostatazzjoni ta' fatt din il-Qorti m'ghandha l-ebda problema li taccetta li l-oggetti elenkati fl-inventarju anness mad-denunzja tas-successjoni ta' Mary Farrugia, a fol 113 sa 117 ghajr ghall-gojjelli huma l-oggeti li baqghu fir-residenza u fil-pussess ta' Gino Miceli. Dan l-inventarju mhuwiex qed jigi ikkontrastat fil-kontenut tieghu mill-konvenuta, u ghaldaqstant jirrapprezenta lista reali u veritiera tal-oggetti imhollija minnha fid-data tal-mewt.

Inoltre lanqas hemm kuntrast bejn il-partijiet li Gino Miceli garr l-oggetti mieghu biex jimmobbiljaw kull residenza sussegwenti li kellu.

Gjaldarba accettat il- fatt li l-eredi hallewh jibqa' jirrisjedi fil-fond tad-decujus pacifikament sakemm gew fil-bzonn li jizviluppawha, hija verosimili wkoll it-tezi attrici li thalla fit-tgawdija tal-mobbli sa mewtu. Huwa minnu li l-armla accennat li f'xi mument hu ma baqax jitkellem izjed lill-Lilian Miceli Farrugia.[10] Dan gie negat minn Lilian Miceli Farrugia stess u anke minn Ivor Zammit li sostna li r-relazzjonijiet tieghu ma' Gino Miceli kienu tant tajba li baqa' jamministralu hwejgu almenu sas-sena 2000.

Ikkonsidrat li Lilian Miceli Farrugia fl-affidavit taghha xehdet li *"taf li l-werrieta, inkluz zewgha, qablu li Gino jista' jgawdi matul hajtu, l-mobbli, pitturi ecc., li kienu jinsabu fid-dar f'Tas-Sliema fid-data tal-mewt taz-zija taghhom Mary. Kien miftiehem ukoll li dawn il-mobbli kellhom jinqasmu*

[10] Affidavit tal-Konvenuta a fol 63 tal-process.

*wara l-mewt ta' Gino Miceli."* Izda meta xehdet *viva voce* (fol. 161) qalet: *"kuntratti bejnietna ma kienx hemm".*

Illi f'din ir-retroxxena, din il-Qorti tifhem li gjaladarba kien hemm il-kunsens, da parti tal-ko-eredi, li jhallu lill-Gino Miceli fit-tgawdija tal-beni ereditarji sa mewtu, ma sorgietx il-htiega ta' azzjoni da parti taghhom. Tali tgawdija ta' oggetti mobili ma tirrikjedix formalitajiet jew kuntratti bl-iskritt u in fatti Lilian Miceli Farrugia semplicement semmiet li sar "*ftehim."*

Il-konvenuta tqajjem diversi punti dwar il-verosimiljanza tat-tezi attrici u tghid li l-provi huma insufficjenti ghaliex il-ftehim li jghidu li kien hemm bejniethom mhuwiex ippruvat.

Izda din il-Qorti tista' tistrieh fuq it-testimonjanza ta' xhud wiehed jekk dan iwassalha ghall-konvinciment morali dwar x'inhu l-aktar veritier u fejn, bhal ma hu f'dan il-kaz, din it-testimonjanza tirrizulta l-aktar verosimili. Tqies li t-testimonjanza ta' Lilian Miceli Farrugia hija sinjifikattivau l-aktar kredibbli. Fil-fatt hija l-unika f'dawn il-proceduri li ghandha konoxxenza diretta tal-fatti tal-kaz fiz-zmien meta mietet Mary Farrugia. La n-neputija Maria Fernanda Alcontres u wisq inqas il-konvenuta kellhom konoxxenza diretta tal-fatti *a tempo vergine*.

Illi rigward il-konvenuta, hi tghid li dahhlet in xena hmistax- il sena qabel ma zzewget lil Gino Miceli fis-2003, cioe' circa fis-sena 1988. Certament

ma tistax tixhed dwar dak li sehh qabel u wisq inqas meta mietet Mary Farrugia. Mis-sena 1988 sakemm giet intavolata din il-kawza lanqas ghaddew tletin sena. Kull ma tghid hu li zewgha qatt ma qal li l-oggetti mhumiex tieghu biss u li hadd mill-atturi ivvanta xi pretensjoni fuq l-oggetti ecc. waqt li kien haj. Din l-ahhar asserzjoni mhix inkompatibbli mat-tezi attrici in kwantu ma kien jaghmel l-ebda sens li jitolbu l-oggetti lura jekk kien hemm ftehim ossia qbil li jithalla fit-tgawdija sal-mewt tieghu. Dwar l-ewwel punt taghha, hija interessanti li hi titkellem fin-negattiv ma tghidx fil-pozittiv li zewgha kien jghid, anzi, li l-oggetti huma tieghu, salv ghal xi oggetti *tieghu* li inzammu fil-*brewery.*

Dan kollu jincidi fuq iz-zmien ta’ dekorrenza tal-preskrizzjoni sollevata ghaliex id-data trid tigi stabbilita bic-certezza bhala d-data tal-bidu tal-azzjoni.

Fid-dawl tal-provi u tal-apprezzament taghhom, il-Qorti mhix disposta li taccetta li l-azzjoni twieldet mal-mewt ta' Mary Farrugia.

Il-konvenuta esebiet kopja ta' ittra a fol. 64 tal-process mibghuta mill-Avukat Stefan Patrick Gauci ghan-nom taghha u ta' zewgha, allura haj, datat it-2 ta' Awwissu 2005, indirizzata lill-Avukat Richard Camilleri, in rapprezentanza ta’ Marc-Antonio Stagno D’ Alcontres.

F’din l-ittra l-Avukat Gauci jilmenta fir-rigward in-nuqqas ta’ flus bhala manteniment ghall-klijenti tieghu u ghalaq l-ittra bis-segwenti:

*"Kindly note that should this proposal be refused, my clients will be left with no other alternative than to seek the sale of Mr. Miceli's property in Sliema, the sale of Mrs. Miceli's property in Portomaso* ***and the sale of all pieces of furniture contained in both properties and support themselves through the proceeds of such sales.***" (Enfazi mizjud).

Hija d-data ta' din l-ittra li, fil-fehma tal-Qorti, tistabbilixxi d-data tal-bidu taz-zmien preskrittiv ghaliex f'dak il-mument l-atturi, jew min minnhom, gew notifikati li zijuhom ma kienx ser jikkontenta ruhu b'semplici tgawdija, bi ksur tal-qbil li kellhom.

Din l-ittra hija importanti wkoll ghaliex il-kontenut taghha iktar issahhah it-tezi attrici fis-sostanza taghha milli dik tal-konvenuta. Li kieku l-konvenuta u zewgha kienu qed jikkonsidraw li l-oggetti kienu taghhom esklussivament, ma kien jaghmel l-ebda sens li javzaw lill-eredi l-ohra li kienu ser jghaddu biex ibieghu mhux biss il-proprjetajiet rispettivi taghhom, imma l-ghamara kollha (testwalment '*all pieces of furniture' u mhux ' all pieces of their furniture' )* sitwata f'Tas-Sliema u f'Portomaso. B'dan il-Qorti tifhem li taw '*avviso ai naviganti*' li kien ser ibieghu dawk l-oggetti li ma kienux tal-mittenti.

**Illi fid-dawl tal-premessi kostatazzjonijiet, din il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta bhala mhux sostennibbli guridikament u fattwalment.**

**Ir-Raba' Eccezzjoni Preliminari : -** *Uhud mir-rikorrenti assenti minn dawn il-Gzejjer lanqas biss ma jafu bil-proceduri odjerni*.

Jigi osservat li din l-eccezzjoni u l-eccezzjonijiet rimanenti ma jinghatawx piz mill-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Dwar dan il-punt il-Qorti taghmel riferenza ghall-affidavit ta' **Francesca Warr** minn fejn jirrizulta kellha mandat verbali biex tirrapprezenta lill-mandanti taghha f'dawn il-proceduri u ghalhekk d-dettam tal-artikolu **180(1)(a)** tal-Kap.12 li hu soddisfatt.

**Din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.**

**Il-Hames Eccezzjoni Preliminari : -**In-nullita' tal-azzjoni kif proposta billi l-ewwel talba taghhom hija imsejsa fuq inverzjoni tal-provi kontra dak provvdut bl-artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuta ma gabet l-ebda kjarifika ta' din l-eccezzjoni li ma tirrizultax fost dawk elenkati fl-artikolu **789** tal-Kap 12 u lanqas hija ta' pregiudizzju ghall-konvenuta li lanqas tatha piz fis-sottomissjonijiet taghha. Wiehed jistenna li l-konvenuta tagixxi in bona fede u ma hemm xejn invalidu li tintala li thejji inventarju tal-oggetti ereditarji fil-pussess taghha.

**Din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.**

L-**Eccezzjoni imfissra fil-para.2(b) -**Nuqqas ta' integrita' fil-Gudizzju.

Il-konvenuta ssollevat in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju billi l-wirt ta' zewgha iddevolva mhux biss favur taghha imma a favur l-Orfanatrofju ta' Sant' Antnin kwantu ghal tliet kwarti indivizi (3/4) mill-assi ereditarju tieghu;

Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni wkoll ma tistax tirnexxi ghaliex il-kawza odjerna hija tentata kontra l-konvenuta bhala l-possessur fattwali ta' oggetti li jappartjenu fil-wirt ta' Mary Farrugia. It-talba, inoltre, hija intiza ghall-preservazzjoni ta' din l-eredita' u mhux ghad-divizjoni tal-assi bejn l-eredi.

Ghalhekk il-proceduri odjerni, kif saru, huma integri u din l-eccezzjoni **qed tigi michuda.**

**It-Talbiet Attrici**

Il-Qorti ser tghaddi biex taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet rigward it-talbiet dedotti:-

**L-Ewwel Talba -Talba Biex isir Inventarju**

Illi l-atturi qed jitolbu li l-assi li ghandha fil-pussess taghha l-konvenuta jigu identifikati f'inventarju li ghandha taghtihom hi ghal dan il-ghan.

Din il-Qorti tinnota li l-mandat ta' deskrizzjoni imsemmi fl-atti ma giex esegwit fir-residenza tal-konvenuta u kien ikun aktar prattikabbli li kieku sar hekk , anke, jekk hemm bzonn, wara li jsir sgass taht l-awtorita tal-

ufficjal ezekutant, sabiex ikun hemm gja elenku maghmul minn ufficjal taghha.

Ikkonsidrat, li l-inventarji annessi mad-denunzja tas-successjoni ghandhom valur probatorju sabiex jigu stabbiliti l-assi mobbli inkluz fided li jifformaw parti mill-wirt tat-testatrici Mary Farrugia. Taghmel ghalhekk is-segwenti kostatazzjonijiet:

**Mobbli**

Illi l-atturi esebew zewg inventarji redatti mir-regattier Albert F. Santucci a fol 113 sa 115 tal-process fejn jidhru is-segwenti:

"35 *2 Oil Paintings Mothers with children*

61 *The Three Virtues*

*61 King Solomon"*

Dwar dawn, Lilian Miceli Farrugia xehdet li l-pittura ta' *King Solomon* inghatat b'rigal bhala donazzjoni minn Claire Miceli lill-Heritage Malta.

Dan hu ghal kuntrarju ghal dak li xehdet il-konvenuta fejn stqarret "*This painting was not inherited by my husband but purchased by him in Rome"*[11],minghajr ma pproduciet prova tax-xiri. Fil-fehma tal-Qorti l-inventarju imsemmi juri soddisfacentement li dan il-kwadru kien fost

[11] Affidavit a fol 63 tal-process.

dawk imholli b'wirt lil zewgha u ghalhekk ma setghet qatt tiddisponi minnu.

Inoltre Lilian Miceli Farrugia identifikat pozittivament il-kwadri li ttiehdu fil-Belgravia Auction Gallery u li huma deskritti fil-paragrafi 498 u 499 fil-katalogu esebit a fol.91 tal-process bhala dawk "*li kienu jappartjenu lil Mary Farrugia u kont narahom fid-dar taghha ta' Tas-Sliema.*"

Dawn iz-zewg pitturi jinsabu mizmuma in forza ta' Mandat ta' Deskrizzjoni numru 1640/06 esebit a fol 29 sa 34 tal-process.

**Fided u Gojjelli**

Dawn jinsabu elenkati f'inventarju redatt minn *Cachia & Borg Jewellers* a fol 116 u 117 tal-process.

Filwaqt li jirrizulta li hemm kontestazzjoni dwar il-pussess tal-gojjelli da parti tal-konvenuta, din ma tghid xejn dwar il-fided u l-Qorti, bl-istess apprezzament, tikkonsidra li l-fided flimkien mal-mobbli, baqghu fil-pussess ta' Gino Miceli wara l-mewt ta' Mary Farrugia in kwantu kienu jinsabu fir-residenza taghha meta mietet.

Rigward il-gojjelli u hagar prezjuz, din il-Qorti tikkonsidra li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li dawn kienu jinzammu flimkien mal-mobilja, mid-defunt Gino Miceli u lanqas huwa verosimili li baqa' fil-pussess ta' gojjelli femminili.

Illi l-inventarji imsemmija huma l-punt ta' riferenza ghall-inventarju li qed jintalab mill-atturi in kwantu ma hemmx prova dwar x'naqas mill-wirt waqt il-pussess ta' Gino Miceli u tal-armla tieghu ghajr ghall-*cassettone Maltese* u l-pozati tal-fided, u t-tlett pitturi fuq deskritti.

Illi l-Qorti ma tarax li ghandha tichad it-talba sabiex isir inventarju izda ser tghaddi biex tinnomina persuna indipendenti sabiex jaghmel dan u jqabbel l-oggetti u fided ma' dawk deskritti fl-inventarji a fol 113 sa 117 tal-process.

Ovvjament lill-atturi qed jigi rizervat id-dritt li jiehdu azzjonijiet opportuni f'kaz li jinsabu oggetti nieqsa salv il-jeddijiet ta' terzi skond il-ligi.

Ghaldaqstant ser tghaddi biex tilqa' din it-talba izda ser tinnomina lil **Edward Degaetano** sabiex jaghmel l-inventarju tal-ghamara u oggetti mobbli inkluz fided li huma elenkati fl-inventarji redatti rispettivament minn **Albert F. Santucci** a fol 113 - 115 tal-process, u minn **Cachia & Borg Jewellers** a fol 116 u 117 tal-process u li jinsabu fil-fond 1241 Portomaso San Giljan, u fl-appartament bin-numru sbatax (17), Caledonia Towers, Qui-Si-Sana, Sliema. L-inventarju ghandu jinkludi wkoll iz-zewg pitturi *A Mother and Children with a Maid* u *The Three Graces* li huma fil-pussess tar-Regettier **Joseph Sammut** u huma maqbudin bil-Mandat ta' Deskrizzjoni 1640/06 (fol 29) salv id-dritt ta' terzi fir-rigward tal-pittura *Mother and Children with a Maid* peress li Joseph Sammut xehed li din il pittura giet ikkonsenjata lilu minn certu Rita Muscat u l-involviment ta'din il persuna mhiex spjegata imkien fl-atti.

**It-Tieni Talba -Inibizzjoni**

Permezz tat-tieni talba taghhom l-atturi qed jitolbu li l-konvenuta tigi inibita milli tiddisponi mill-assi u hwejjeg mobbli identifikati.

Din it-talba hija allaccjata mal-pretensjoni ta' dritt tar-rikorrenti u ghandha tigi milqugha.

**It-Tielet Talba -Hatra ta' Amministratur**

L-atturi ma ssuggerewx xi persuna affidata biex jokkupa dan l-inkarigu. Fic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li s-suggeriment hu wiehed misthoqq tenut in-numru ta' ko-eredi involuti.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tinnomina lill-**Avukat Dottor Peter Borg Costanzi** *ai fini* tat-tielet talba attrici.

**SPEJJEZ TAL-INVENTARJU U TAL-AMMINISTRATUR**

L-ispejjez tal-Inventarju u tal-Amministratur ser jigu sopportati skont ic-cipep li jirrizultaw mit-testment ta' Mary Farrugia u ghalhekk billi Gino Miceli wiret kwart (1/4) minn nofs, sehemu jammonta ghal tmien parti (1/8). Ir-rimanenti seba' partijiet minn tmienja (7/8) jigu sopportati mill-ko-eredi l-ohra skont is-sehem taghhom mill-wirt b'mod li l-wild/werrieta ta' kull stirpe (Antonio, Franca Bonanno, Giovanna Stagno Alccontres, Marisa, Johanna, Lewis u Angela) jhallsu tmien parti (1/8).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni *stante* li din giet irtirata, **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta** u tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta ghandha fil-pussess taghha l-assi u l-hwejjeg mobbli li jappartjenu lill-eredita` tal-mejta Mary Farrugia li mietet fit-28 ta' Marzu 1975, eskluz gojjelli u hagar prezjuz. Dawn l-assi, hwejjeg mobbli u fided ghandhom jigu identifikati f'inventarju. Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lil **Edward Degaetano** sabiex, fi zmien tliet xhur millum jaghmel l-inventarju tal-ghamara u oggetti mobbli inkluz fided li huma elenkati fl-inventarji redatti rispettivament minn **Albert F. Santucci** a fol 113 -115 tal-process, u minn **Cachia & Borg Jewellers** a fol 116 u 117 tal-process u li jinsabu fil-fond 1241 Portomaso San Giljan, u fl-appartament bin-numru sbatax (17), Caledonia Towers, Qui-Si-Sana, Sliema jew altrimenti fil-pussess tal-konvenuta. L-inventarju ghandu jinkludi wkoll iz-zewg pitturi *A Mother and Children with a Maid* u *The Three Graces* li huma fil-pussess tar-Regattier **Joseph Sammut** u huma maqbudin bil-Mandat ta' Deskrizzjoni 1640/06 (fol 29). **Kopja mahlufa tal-Inventarju ghandha tigi esebita mill-espert nominat b'nota fl-atti ta' din il-Kawza.**

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tinibixxi lill-istess konvenuta milli b'kwalsiasi mod tiddisponi minn dawn l-assi u hwejjeg mobbli hekk identifikati *a tenur* tal-ewwel talba.

3. **Tilqa' t-tielet talba** u tahtar **lill-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi** amministratur sabiex jiehu f'idejh l-assi u beni kollha appartenenti lill-eredita` ta' Mary Farrugia u li jinsabu fil-pussess tal-konvenuta *oltre* z-zewg pitturi indikati li prezentement jinsabu fil-pussess tal-irkantatur pubbliku Joseph Sammut in segwitu tal-ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Deskrizzjoni numru 1640/06 mahrug fis-7 ta' Novembru 2006 salv il-jeddijiet ta' terzi fir-rigward tal-pittura *A Mother and Children with a Maid*. L-Amministratur ghandu jipprezenta nota fir-Registru ta' din il-Qorti fi zmien hmistax-il gurnata millum fejn jgharrafha li qed jaccetta l-inkarigu. Ghandu jigi identifikat post idoneju bi qbil mal-kontendenti, fejn dawn l-oggetti jistghu jigu mizmuma.

4. **Tilqa' r-raba' talba attrici** u tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien perentorju ta' xaharejn millum jew fi zmien hmistax mir-redazzjoni tal-Inventarju, liema jkun l-iqsar, tikkonsenja l-pitturi hawn fuq indikati, salv il-jedd ta' terzi fuq il-pittura *A Mother and Children with A Maid,* flimkien ma dawk l-oggetti mobbili inkuz fided li jirrizultaw fil-pussess taghha appartenenti lill-eredita` tal-mejta Mary Farrugia lill-Amministratur nominat *a tenur* tat-tielet talba;

L-ispejjez tal-Inventarju, tal-hazna u tal-Amministratur jigu sopportati skont kif ordnat fil-paragrafu intestat **Spejjez tal-Inventarju u tal-Amministratur** li jitqies li hu parti integrali mid-dispozittiv ta' din is-sentenza.

**L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------